# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Hamis disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru 2018**

**Rikors Numru 199/18 FDP**

**Power Plus Limited**
**(C 68249)**

**vs**

**John Gillard (ID 720961M) u Carmen Gillard (ID 600059M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fid 29 ta' Awissu 2018 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimati ihallsu s-somma ta' disat elef u erbgha mitt euro rappresentanti l-bilanc tal-prezz ta' sistema ta' Pannelli Fotovoltaici installati ghall-intimati u mhux imhallsa.

Rat ir-risposta ta' l-intimati ppresentati fl-1 ta' Novembru 2018 fejn, inter alia, qajjmu eccezzjoni preliminari fejn talbu s-soprasessjoni ta' dina l-Qorti sakemm jigi deciz il-meritu tal-kawza fl-ismijet 'John Gillard et vs Power Plus Limited', illi qieghda tinstema quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili.

Rat illi fil 5 ta' Novembru 2018, fuq talba tal-Qorti, l-intimati ppreentaw kopja informali tar-rikors promotur nru 696/18 LM fl-ismiijet 'John Gillard et vs Power Plus Limited' ippresentat fit 3 ta' Lulju 2018 fejn talbu illi jigi dikjarat illi l-pannelli installati mis-socjeta Powerplus Limtied ma jiffunzjonawx u ghalhekk s-socjeta Powerplus kellha tigi ordnata tnehhit ali pannelli u thallas lill-istess rikorrenti danni rizultat ta' dan.

Rat illi fil 15 ta' Novembru 2018 il-kawza giet differita ghat-22 ta' Novembru 2018 sabiex tali ecccezzjoni preliminari tigi trattata.

Rat illi fit 22 ta' Novembru 2018, hadd ma deher ghas-socjeta rikorrenti filwaqt illi deher l-intimat assistit u, wara illi saret it-trattazzjoni, il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari ghallum.

**Ikkunsidrat**

Tosserva illi l-meritu tal-kawza odjerna tirrigwarda l-hlas rikjest mis-socjeta rikorrent Power Plus Limited ghall-bejgh u installar ta’ sistema ta’ panelli fotovoltaici lill-intimati, li kienu jiswew €9,600.

Tosserva illi l-kawza intavolata mill-intimati fil-Prim Awla tal-Qorti Civili tirrigwarda talba sabiex jigi dikjarat illi l-pannelli hekk installati ma jiffunzjonawx bil-konsegwenti talba sabiex dawna jitnehhew mis-socjeta Power Plus Limited u jhallsu danni lill-intimati fil-proceduri odjerni, l-knjugi Gillard.

Fil-kawza ‘**Axel Johnson International AB vs Aluminium Extrusions Limtied**’, deciza mill-prim Awla tal-Qorti Civili fil 21 ta’ Frar 2001, il-Prim Awla tal-Qorti Civili ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> *L-eccezzjoni ta'soprasessjoni fis-sens illi l-Qorti ghandha tieqaf milli tkompli tisma'kawza bhala tali, fis-sistema taghna m'hijiex kontemplata, ghaliex l- eccezzjoni li l-Kodici ta'Procedura Civili – Kap. 12 jikkontempla, hija l- eccezzjoni maghrufa bhala lis alibi pendens li pero'- kif jidher sewwa mill- artikoli 792 sa 794 - tirriferixxi ghal dik is-sitwazzjoni guridika li tinholoq:-*
>
> > *"Meta titressaq kawza quddiem qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawza ohra fuq l-istess oggett quddiem qorti kompetenti ohra, il-kawza imressqa l-ahhar tista' tigi mibghuta lil dik il-qorti l-ohra."*
>
> *kif ighid l-art. 792 Kap. 12.*
>
> *Hija pacifika u kostanti l-gurisprudenza u d-duttrina illi eccezzjoni ta'litis pendentia tipprospetta necessarjament li jkun hemm zewg kawzi kontemporanjament pendenti quddiem il-qrati, li jkollhom it-tnejn l-istess meritu. Meta dan jigri allura jkun jehtieg li z-zewg kawzi jigu konnessi sabiex jigu trattati quddiem l-istess qorti.*
>
> *Hemm pero', fl-artikolu 965 C u D Kap.12, imsemmija dawk il-kawzi li l- Qorti tissospendi t-trattazzjoni taghhom "sakemm tigi deciza kawza ohra" jew "sakemm xi wahda mill-partijiet taghmel kawza ohra" u dawn il-kazijiet huma konsiderati tant eccezzjonali illi - kif jiddisponi, l-istess artikolu - huma soggetti ghall-perikolu tad-dezerzjoni jekk kemm il-darba l-parti interessata, ma attentatx biex fi zmien qasir tirravviva l-kawza sospiza. Izda jidher car li dawn is-sospensjonijiet huma fakoltattivi ghall-Qorti u mhux obbligatorji u infatti, jibqghu dejjem apprezzabbilment aleatorji u ghalhekk, appena tollerati fis-sistema guridiku, tant illi din il-fakolta'ta' sospensjoni hija msemmija f'dik il-parti tal-Kodici ta'Procedura li titratta mid-dezerzjonijiet prezunti tal-kawzi.*
>
> *Dan stabbilit, jidher li dan l-aspett ta'fakolta'- u mhux eccezzjoni - li xi organu giudikanti jieqaf mill-mansjonijiet tieghu, giet rikonoxxuta u enfasizzata proprju wara li gie kreat il-Bord li Jirregola l-Kera, u ghalhekk hija partikolarment rilevanti s-sentenza Galea - vs - Gatt tal-Qorti ta'l-Appell.*

> *Gie deciz diversi drabi mill-Qrati taghna li l-Qorti ghandha tilqa talba ghas-soprasessjoni biss:*
>
> *• meta hu spedjenti li taghmel hekk; (Vol 39 p 1 p467 Galea vs Galea u App.Civ. Cassar vs Xuereb 12.3.73; )*
>
> *• meta jkun hemm lok ghas-soluzzjoni ta'xi punt li tiddependi minn kawza ohra Vol XLVI p2 p 591;*
>
> *• Il-Qorti m'ghandhiex tordna is-soprasessjoni jekk il-parti l-ohra tkun ser tbati pregudizzju. ;*
>
> *• Is-soprasessjoni hu rimedju straordinarju u ghandu jigi applikat biss jekk hu necessarju fl-amministrazzjoni tal-gustizzja. (Vol XL1 p1 p 507).*

Fil-kawza "**Degaetano vs Galea et noe**", deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta` Ottubru 1981 il-Qorti qalet hekk :

> *"Is-soprasessjoni hemm lok ghaliha meta l-ezitu tal-kawza li tigi soprasseduta jkun jiddependi jew almenu jkun jista' jiddependi mill- ezitu ta' kawza ohra, u ghalhekk ma jistax ikun hemm lok ghas-soprasessjoni jekk ma tezistix din id-dipendenza jew almenu l-potenzjalita` ta' din id-dipendenza".*

Fil-kaz odjern, jidher car illi l-kawza odjerna u l-kawza mibdija mill-intimati quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili, ossija Qorti differenti minn dik presenti, ghalkemm ghandhom in komun il-pannelli fotovoltaici, ma ghandhom xejn aktar in komuni, stante illi fil-proceduri odjerni s-socjeta rikorrenti qed titlob ghall-hlas, filwaqt illi fil-kawza ittentata mill-intimati, l-intimati qed jikkontendu illi tali pannelli ma humiex tal-kwalita' pattwita.

Jirrizulta wkoll illi f'kaz illi l-Qorti odjerna tissporasjedi fil-kawza odjerna, d-drittijiet tas-socjeta rikorrenti jistghu jigu ppregudikati.

Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda tichad l-ewwel eccezzjoni fejn saret it-talba ta' l-intimati ghas-soprasessjoni ta' dina l-kawza pendenti l-ezitu tal-kawza 'John Gillard et vs Power Plus Limited' Rikors Nru 696/18LM, u qieghda tordna l-procediment tal-kawza odjerna.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur